

## S 5.2 MIT-TEMPJI PREISTORIĊI GĦALL-KATIDRALI

**S5.2.2**

Inpoġġu postijiet ta' qima fl-ordni skont kif kienu jintużaw fiż-żmien (ordni kronoloġiku)

### A. Wieġeb bil-għajnuna tad-djalogu li qrajt f'S5.2.1



1. Fl-istampa tal-lemin tidher xena mill-Ipoġew ta' Ħal Saflieni.
   L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni tħaffer jew inbena?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

2. L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni kien jintuża fiż-Żmijiet Preistoriċi jew fi żmien meta n-nanniet tiegħek kienu għadhom żgħar?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

3. L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni tħaffer wara l-katakombi ta' San Pawl tar-Rabat. VERU jew FALZ? Għaliex taħseb hekk?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

4. Fl-istampa tal-lemin tidher xena mit-tempji megalitiċi ta' Ħaġar Qim. Dawn it-tempji nistgħu narawhom qrib:



- ir-raħal tal-Gudja.
- tal-Qrendi.
- tal-Imġarr.
- tal-Mellieħa.

5. Xi bnew l-ewwel il-Maltin, il-knejjes insara jew it-tempji ta' Ħaġar Qim?

________________________________________________

________________________________________________

6. It-Tempji tal-Ġgantija tħaffru jew inbnew?

________________________________________________

________________________________________________

7. Fl-istampa tal-lemin jidhru l-Katakombi ta' San Pawl. Dawn il-katakombi qegħdin



- Ħal Għaxaq.
- l-Imġarr.
- ir-Rabat.
- il-Mellieħa.

8. Il-katakombi tħaffru jew inbnew?

________________________________________________

________________________________________________

9. Il-Maltin l-ewwel kienu jagħtu qima lill-Madonna, omm Ġesù, imbagħad wara bdew jagħtu qima lill-Mara l-Ħoxna fit-Tempju ta' Ħaġar Qim.
VERU jew FALZ? Għaliex?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

10. It-Tempji ta' Ħal Tarxien u l-katakombi ta' Sant Agata fir-Rabat tħaffru mill-istess irġiel tas-sengħa. VERU jew FALZ?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

11. X'kienu joffru bħala sagrifiċċju n-nies preistoriċi li għexu f'Malta?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

12. Is-simboli li sibna fil-katakombi, kienu simboli nsara jew pagani?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

13. Fil-Katidral tal-Imdina, għall-ewwel li nbena, kienet tingħata qima lill-Mara l-Ħoxna. VERU jew FALZ?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**B. Inqabblu u nitgħallmu. Wieġeb billi timla l-vojt bil-kliem li ġej:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| l-Għid il-Kbir | tal-Imdina | mudell | mill-ġdid |
| turisti | f'terremot | reliġjużi | ġewwa |





Fir-ritratt tal-lemin jidher il-Katidral _________________. Il-Katidral hija l-knisja prinċipali li għandha l-knisja ta' Malta. Fil-Katidral isiru ċerimonji _________________ fil-festi kbar li tiċċelebra l-knisja bħalma huma l-Milied u _________________.

Fl-istampa tax-xellug jidher _________________ tal-Katidral l-antik. Dan il-bini ġarrab ħsarat kbar _________________, allura l-Insara bnew il-Katidral _________________ .

Illum il-Katidral huwa knisja mill-isbaħ, imżejjen minn barra u minn _________________. Eluf ta' _________________ jżuru l-Katidral tal-Imdina kull sena biex jammiraw il-ġmiel ta' dan il-bini.